**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 48/17 AL

**A B**
**aħjar magħrufa bħala K B**

**vs**

**C D**
**U**
**ID-DIRETTUR TAL-UNIT TAĊ-ĊITTADINANZA FI ĦDAN "IDENTITY MALTA"**
**Għal kull interess li jista jkollhom**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi din hija kawza dikjaratorja għal paternita`;

Illi r-rikorrenta hija l-wild naturali ta` E F G u twieldet fit-13 t'April tas-sena 1958 ġewwa Ontario, l-Kanada;

Illi kopja tad-dokument li juri d-data u l-post tat-twelid qegħdin jiġu hawn Fss u markat "**Dok A";**

Illi fuq l-Att tat-twelid, missier l-esponenti kien imniżżel bħala "unknown father/unknown husband" (**Dok 1**).
Illi eventwalment hija ġiet adottata minn X U B u martu M nhar It-Tlieta 22 ta` Frar tas-sena 1966 u dan minn kif jidher mill-kopja tad-dokument hawn Fss u markat "**Dok B**";

Illi l-ġenituri tagħha li addottawha t-tnejn sfortunatament mietu;

Illi temporanjament hija qed tissottometti l-kopja tal-oriġinal, madanakollu hija għandha kull intenzjoni li iġġib magħha d-Dokumenti oriġinali kollha mill-Kanada u tippreżenthom lil din l-Onorabbli Qorti 'animo ritirandi';

Illi hija dejjem kellha xewqa li tintraċċha lil missier naturali tagħha u fil-fatt fl-aħħar wara snin ta` tfittxija, hija intraċċat lil missierha naturali li huwa l-konvenut, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu qiegħed jiġi hawn Fss u markat "**Dok C**";

Illi l-attriċi u l-konvenut voluntarjament qagħdu għal eżamijiet ġenetiċi tad-DNA u rriżulta li verament huwa l-missier naturali tagħha u minn dakinhar sar għandhom relazzjoni familjari flimkien u qed iżżuru f'Malta kull tant żmien, anke minħabba li qiegħed fi stat fraġli ta` saħħa;

Illi l-attriċi hija ċittadina Kanadiża (kopja tal-paġna tal-Passaport Kanadiż tagħha qiegħed jiġi hawn Fss u markat "**Dok D**") imma għanda kull interess li tottjeni din id-dikjarazzjoni ġudizzjarja anke għaliex għandha kull interess li tottjeni ċ-ċitadinanza Maltija għaliex barra li huwa dritt tagħha bħala l-wild naturali tal-konvenut, hija tħobb ħafna lil Malta u għandha kull interess li tirrisjedi f'Malta;

Illi għaldaqstant, hija qed ukoll tintavola din il-kawża fil-konfront tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fi ħdan Identity Malta għal kull interess li jista jkollhom.

Talbet, ghar-ragunijiet premessi, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni jew moghtija l-provedimenti opportuni:

(1) Tiddikjara li l-konvenut Dr C D huwa l-missier naturali u bioloġiku tal-attriċi A B aħjar magħrufa bħala K B;

(2) Tiddikjara illi l-esponenti hija verament il-wild naturali tal-konvenut C D

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Dr. C D li permezz taghha qieghed jaqbel mat-talbiet attrici (fol. 22) ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates, li permezz taghha eccepixxa (fol 27) :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u in vena preliminari ukoll, l-esponent jeċepixxi li skont kif ġew dedotti t-talbiet fir-rikors promotur, id-Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-**Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates;

Rat l-affidavit tal-**attriċi**[1], kif ukoll id-dokumenti minnha ppreżentati.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Christopher Farrugia**[2] flimkien mar-rapport tad-DNA miegħu Fss;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-fatti ta' din il-kawża, in suċċint, huma s-segwenti:

1. L-attriċi twieldet fit-13 t'April 1958 ġewwa Ontario, l-Kanada. Ommha … t'għoxrin sena, kienet ta' nisel Irlandiż; Rigward dettalji tal-missier ma tniżżel xejn fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-attriċi; L-isem li ingħatat kien ta' …..[3]

[1] Fol. 25

[2] Fol. 32

[3] Fol. 10

2. Fit-tfulija tagħha, hija għexet f'diversi *foster homes*, sakemm ta' tmien snin ġiet adottata mill-koppja, illum it-tnejn mejta; Dan kien fit-22 ta' Frar 1966 u l-minuri ġiet magħrufa bl-isem ta' A B[4];

3. Peress li minn dejjem kienet taf dwar l-adozzjoni tagħha, kienet ilha tfittex lill-ġenituri bijoliġiċi tagħha li minn dejjem kienet taf il-kunjom tagħhom. Fl-2008, saħansitra ġiet hawn Malta sabiex tkompli tfittex lil missierha.

4. Tramite l-internet, saret taf b'diversi D li setgħu kienu l-persuna minnha mfittxija u għalhekk hija bagħtet xi ittri bl-istorja tagħha. Wieħed minnhom weġibha illi dan ir-raġel li qiegħda tfittex seta' kien iz-ziju tiegħu u għalhekk għaddielha d-dettalji tiegħu.

5. F'Toronto sar it-test tad-DNA minn fejn irriżulta li C D kien il-missier naturali u bijoloġiku tagħha. Huma ltaqgħu għall-ewwel darba f' Ottubru tal-2016.

6. F'Diċembru 2016, l-attriċi ġiet hawn Malta u reġa sar it-test tad-DNA illi kkonferma r-riżultat ta' qablu u cioe li l-attriċi hija l-wild naturali ta' Co D detentur tal-karta tal-identita` 695430(M) iben O D u T D xebba S, imwieled fit-8 t'Ottubru 1930[5].

7. Il-partijiet issa għandhom relazzjoni familjari tajba u l-attriċi qed iżżuru f'Malta regolarment minħabba l-istat fraġli ta' saħħtu.

It-talba tal-attriċi f'din il-kawża hija waħda sempliċi u cioe li hija tiġi ddikjarata l-wild naturali tal-konvenut D u li huwa jiġi ddikjarat missierha.

---

[4] Fol. 11

[5] Ċertifikat tat-twelid tal-konvenut jinsab esebit fol. 13

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi debitament maħlufa, illi l-attriċi A  B hija l-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru XXXXX

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita` tal-attriċi. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li A  B hija l-wild naturali tal-intimat C D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Dr. C D huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-attriċi A  B magħrufa aħjar bħala K B;

2. Tiddikjara illi l-attriċi A  B, magħrufa aħjar bħala K B, hija verament il-wild tal-konvenut Co D, detentur tal-karta tal-identita` 695430(M), iben O D u T D xebba S, imwieled fit-8 t'Ottubru 1930.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut C D.